# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 6 ta’ 2022, miżmuma nhar il-11 ta’ Mejju 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Clifford Galea Vella | | President |
| John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Vici President(online) |
| Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| Stephen Cordina | H’Attard LC | Membru |
| Stephen Gatt | Hal Balzan LC | Membru delegat |
| Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri, kif ukoll Elisa Frosi u Bjorn Bonello

Membri Skużati:

Kollha presenti



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

1. AĠENDA

6.1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
6.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
6.3: Komunikazzjoni tal-President;
6.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri
6.5: Kumunikazjoni
6.5.1. Skemi Reġjonali
6.6: Rapporti;
6.6.1 Jannnar sa Marzu 2022 Management accounts
6.6.1 Reġional Officers interviews - Bord
6.7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;
6.7:1. Festival Footbal Nursuries
6.7.2 EU Codeweek f'Ottubru
6.7.3 Bird nestling project
6.7.4 Waste tender
6.7.5 Extension of electrical and light tenders
6.7.6 Reġional Infrastuctural Work Tender
6.7.7 Updates Projects and Enviorment
6.7.8 Oasi Foundation invite and Reġion Conference
6.7.9 SPI study and tender

6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:05 mil-President, is-Sur Clifford Galea.

Is-Segretarju Eżekuttiv feraħ lil-President li kien għadu kemm ġie appuntat bħala membru fil-YEP (Young Elected Politicans). Il-membri kollha awgurawlu suċċess u ħidma tajba.

Il-President irringrazzja lil kulħadd u ħa l-opportunita biex jifraħ u jilqa' fir-Reġjun lill-Perit Chris Grech – is-Sindku ġdid tal-Mosta. Il-Membri kollha ferħulu.

## - Qari t' Apoloġiji

Il-membri kollha kienu preżenti

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

- Il-minuti tal-laqgħa numru 5 miżmuma f’ April 2022 ittieħdu bħala moqrija. Clifford Galea ippropona li jkunu approvati. Trevor Fenech issekonda l-mozzjoni u l-membri qablu unanimament.

Punti mqajma mill-minuti:

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-Direttur Ġenerali (Sur Natalino Attard) kien wieġbu li tenders relatati mas-sistema tad-dawl m’għadhomx jinħarġu għax kien qed jinħadem ftehim fejn l-Enemalta tiprovdi s-servizz b’xejn. Saret diskussjoni fejn il-membri kollha espremew tħassib għal din il-bidla u l-fatt li Enemalta diġa ma kinitx qed tagħti servizz tajjeb fuq id-dwal li diġa għandha f’idejha, aħseb u ara jekk jiżdiedilhom ix-xogħol. Kien irrimarkat li biex Enemalta ssewwi bozza, ġieli ikun hemm żewġ gruppi ta’ ħaddiema, meta l-kuntrattur Reġjonali jagħmel dan bi tnejn min-nies. Paul Vella issuġġerixxa li Enemalta għandha tgħaddi d-dawl kollu lill-Kunsilli hekk kif suppost diġa kellu jsir; u jekk qed issir xi applikazzjoni għal fondi Ewropej biex jinbidlu d-dwal għal dawk li jużaw inqas enerġija, il-Kunsilli kollha ser ikunu qed jikkollaboraw fit-tali proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab ifassal ittra fuq dan ir-rigward sabiex tintbgħat lill-awtoritajiet.

### Komunikazzjoni mil-President

Il-President Clifford Galea qal li l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli, bgħatet messaġġ ta’ ringrazzjament lill-membri tal-laqgħa li kienet saret meta ġiet iżżur ir-Reġjun.

Il-President Clifford Galea qal li fil-laqgħa tal-AKL, il-membri tal-AKL kienu mgħarrfa li l-ħaddiema tal-Airmalta li kellhom jgħaddu ma’ RSSL, preżentament hemm il-proċess imwaqqaf.

Il-President informa lill-membri li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, iltaqa’ mal-professur George Cassar, li ntalab jekk hux interessat jaħdem fuq ktieb/dokumentarju ġdid fuq ir-Reġjun. Il-Professur Cassar aċċetta u ser ikun qed jaħdem fuq dan bi pjan li x-xogħol ikun lest fl-2024.

European Cities Against Drugs – numru ta’ Kunsilli tar-Reġjun huma diġa membri. Kien issuġġerit li mis-sena d-dieħla, jekk kulħadd jaqbel, jidħol ir-Reġjun bħala membru. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-miżata għar-Reġjun, minħabba l-ammont ta’ popolazzjoni, jaf ikun dak li suppost hu, u allura ma jkunx jaqbel. Preżentament, il-Kunsilli kollha qed iħallsu miżata ridotta mmens. Il-membri qablu li jħallu kollox kif inhu, minħaba din il-possibilita`.

EU Code Week – Il-President semma’ l-komunikazzjoni li ntbagħtet lill-Kunsilli mill-AKL rigward il-European Code Week li ser tinżamm f’Ottubru. Talab li dawk il-Kunsilli li jkunu nteressati biex japplikaw mal-AKL.

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

– Komunikazzjoni
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri rigward il-komunikazzjoni li ntbagħtet mir-Reġjun dwar l-iskemi t' għajnuna. Fil-ġimgħat li ġejjin, ir-Reġjun ser ikun qed jikkomunika mal-Kunsilli rigward dawn l-iskemi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li ntbgħatet mis-Sur Natalino Attard (id-Direttur Ġenerali), fejn talab lis-Segretarju Eżekuttiv iżomm milli jippublika t-tenders relatati mas-sistema tad-dawl. Saret diskussjoni u ħareġ ċar li l-membri kollha ma jaqblux li Enemalta terġa tieħu lura s-servizz ta' manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Intalab jikteb lid-Direttur Ġenerali u jikkomunika miegħu li l-Kunsilli kollha ma jaqblux rigward l-Enemalta u lesti jaħdmu flimkien fuq proġett ta' dwal iktar effiċjenti.

Minħabba li t-tenders skadew, is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-membri jestendu t-tender b'sena oħra biex il-kuntratturi jkunu jistgħu jiprovdu s-servizz neċessarju lill-Kunsilli. Paul Vella ippropona li s-servizzi jkunu estiżi. Kyle Mifsud u Stefan Cordina issekondaw. Il-membri qablu unanimament.

– Rapporti
Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-*management accounts* tal-ewwel tliet xhur. Talab lill-membri biex iwaqqfu l-laqgħa b'hekk tkun tista titkellem l-accountant Romina Perici Ferrante. Paul Vella ippropona li titwaqqaf il-laqgħa. Stefan Cordina issekonda. Il-membri qablu u l-laqgħa twaqqfet temporanjament biex l-accountant setgħet tispjega r-rapport. Il-laqgħa tkompliet madwar kwarta wara.

Chris Grech ippropona li r-rapport ikun approvat. Stephen Gatt issekonda. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni tal-accountant għal sena oħra ta' servizz. Il-membri qablu unanimament li s-servizz tal-accountant ikun estiż għal sena oħra.

– Affarijiet oħra

Bord ta' Reklutaġġ – il-President staqsa lill-membri min hu nteressat ikun parti mill-Bord ta' Reklutaġġ għas-sena li jmiss. John Buttigieg, Paul Vella, Kyle Mifsud u Trevor Fenech urew l-interess tagħhom, u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikkomunika magħhom meta jkun hemm bżonn.

Football Nurseries Festival – il-President talab lis-Sur Trevor Fenech jaġġorna lill-membri rigward dan il-festival. Is-Sur Fenech ippreżenta l-programm tal-Festival li ser jittella' s-Sibt 14 ta' Mejju 2022. Dan il-Festival kellu jittella' iktar tard, iżda n-nurseries ħassew li jkun aħjar li jittella' qabel. Għal dan l-aveniment ser jieħdu



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

sehem in-nurseries kollha tar-Reġjun u ser ikunu qed jilgħabu ġewwa 6 grounds, dan minħabba li hemm 3 oħra li preżentament mhux possibli jintużaw minħabba manuntenzjoni.  Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat il-programm lill-Kunsilli kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li n-nefqa li ser issir fuq dan il-festival ser tkun naqra inqas minn dak pjanat. Spjega li hemm madwar €6000 li mhux ser jintefqu.  Saret diskussjoni u Trevor Fenech ippropona li din is-somma tinqasam f’għajnuna lin-nurseries kollha. Alfred Grima issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Tender tal-Iskart – is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-korrispondenza u estratti mit-tender tal-iskart li ser ikun ippublikat mid-dipartiment tal-kuntratti għan-nom tar-Reġjuni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li m’hemmx lok għal diskussjoni fuq il-kundizzjonijiet jew jekk jistgħux jinbidlu l-kundizzjonijiet. Spjega li hemm numru ta’ penali biex jissalvagwardja l-Kunsilli. Meta preżenta l-iskeda tal-ġbir proposta, ħareġ ċar li din mhux ser tkun adekwata għal-bżonnijiet tal-lokalitajiet u kienet ser tkun pass lura minn dak preżenti. Kien hemm diskussjoni fejn kull membru tkellem fuq dan it-tender. Għalkemm kienu saru numru ta’ laqgħat mill-WasteServ u kif ukoll mill-AKL, il-membri esprimew li huma ma kienux ikkonsultati sew. Alfred Grima ippreżenta l-korrispondenza li bgħat fl-2021 lill-Wasteserv, fuq il-mejda. Qal li s’issa għadu bla risposti rigward il-punti mqajma mill-Kunsill.

Stefan Cordina tkellem li bħala Kunsill, Ħ’Attard jipprovdi numru ta’ ġbir differenzjat, li ma kienux inklużi fl-iskeda proposta. Huwa qal li jekk ma jkunx provdut, il-Kunsill ser ikun qed jiprovdi dan is-servizz u jħallas mill-allokazzjoni tal-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk hux possibli tintuża skeda C u jintalbu Split RCVs. Paul Vella wieġeb li split RCVs huma kbar u ma jkunx possibbli li jintużaw f’diversi toroq; speċjalment fejn hemm id-djuq. Dan għaliex it-trakkijiet huma mhux biss usa, iżda wkoll għandhom *turning circle* ikbar. Kien hemm diversi kummenti oħra. Il-Membri qablu unanimament li tinkiteb ittra mis-Segretarju Eżekuttiv u l-President indirizzata lil-Prim Ministru, u kkupjati l-Ministri responsabli kif ukoll id-DLG. Fl-ittra għandu jkun ċar li għalkemm il-membri jippreferu li s-servizz jibqa’ f’idejn il-Kunsilli, mhumiex kontra li jimxi għand ir-Reġjun; il-problema li għandhom il-membri hija li l-iskeda tal-ġbir proposta mhux tkopri għal-bżonnjiet tar-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jitlob li r-Reġjun ikollu l-opportunita` jiltaqa’ sew nhar l-Erbgħa 18 ta’ Novembru 2022 biex titfassal skeda adekwata.

Proposta ta’ tender Reġjonali għall-infrastruttura - Alfred Grima ippropona li r-Reġjun ifassal tender Reġjonali għal xogħol ta’ infrastruttura li jkun għad-dispożizzjoni tal-membri. Dan it-tender jagħmilha iktar possibli li kuntratturi jidħlu għalih minħabba l-fatt li hemm iktar xogħol. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill-membri biex jara humiex interessati biex jiddiskutu dan it-tender fil-Kunsill rispettiv. Wara jinħareġ it-tender.

Konferenza Oasi – Vizzji fuq il-post tax-xogħol. Il-membri qablu mal-proposta tal-President li r-Reġjun itella’ il-konferenza tal-Oasi bħala parti mill-konferenza tar-Reġjun. Din ser tkun l-ewwel parti mill-konferenza maħsuba għal nhar l-Erbgħa 19 ta’ Mejju 2022.

Bird boxes project – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta proġett lill-membri biex flimkien mal-komunitajiet rispettivi, il-Kunsilli jagħmlu numru ta’ attivitajiet biex it-tfal jitgħallmu fuq l-ambjent, l-għasafar u l-ħtieġa li nibżgħu għall-ambjent naturali tagħna. Għal dan il-għan, qed ikun propost li kull Kunsill itella’ attivita` għat-tfal fejn jinbnew numru ta’ djar għall-għasafar fejn ikunu jistgħu ibejtu. Bjorn Bonello ser ikun qed jassisti lill-Kunsilli fuq dan il-proġett. Il-membri qablu ma’ dan il-proġett.

SPI study – Il-membri ntalbu jiddeċiedu jekk l-istudju ta’ SPI isirx flimkien mar-Reġjuni l-oħra. Saret diskussjoni u l-membri preferew li r-Reġjun joħroġ tender għalih, u jaħdem għal rasu. Paul Vella ippropona u John Buttigieg issekonda d-deċiżjoni. Il-membri qablu unanimament.

Footsteps of St Paul – Team Building għar-Reġjun – Segretarju Eżekuttiv semma’ l-attivita` li r-Reġjun kellu pjanata għall-bidu tas-sajf għall-membri tar-Reġjun kollu. Hemm il-possibilita` li din tittella nhar is-6 ta’ Ġunju filgħaxija, fejn il-parteċipanti jmorru abbord Luzzu tas-sajd tradizzjonali sal-Gżejjer ta’ San Pawl, mawra madwar il-bajja ta’ San Pawl u jispiċċaw bibita wara. John Buttigieg propona li r-Reġjun itella’ din l-attivita` u ġiet issekondata minn Paul Vella. Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 149 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Stephen Gatt issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 15 ta’ Ġunju, fis-sitta ta’ filgħaxija.

| ___________________________ | ________________________________ |
|---|---|
| Clifford Galea | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 15 ta’ Ġunju 2022